MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2015/2004

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Carmel Vella u l-istess Carmel Vella ID 405253M**

**Vs**

**Manuel Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm631.31c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ammetta li huwa responsabbli ta’ dan l-incident izda jsostni li l-vettura ta’ Carmel Vella kienet soffriet hsarat ferm sostanzjali f’incident antecedenti ghall-incident *de quo* u ghalhekk il-konvenut m’ghandux ibati tali spejjez.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-rapport tas-*surveyor* fejn jghid:

“The right side rear pillar and right side rear wing are damaged and must be repaired. On survey date I noticed that the vehicle had another collision before on the same area of the second collision, due to these facts I discontinued the survey since the first repair was not done yet and the cost came as one.”

Ra x-xhieda ta’ Mario Mifsud li huwa *Claims Supervisor* mas-socjeta’ attrici fejn jghid illi kienu ghaddew kwazi tmien xhur minn meta gara l-incident sakemm hareg is-*survey report* ghaliex Carmel Vella mar jaghmel il-*claim* fit-13 ta’ Mejju, 2003.

Jikkonferma li ghalkemm il-*claim* saret tard, is-socjeta’ attrici hallset xorta wahda. Jghid illi skond ir-rapport tal-pulizija, Vella kellu hsara fir-*rear right side*.

Mario Mifsud ma jiftakarax jekk il-parts li wzaw fil-karozza ta’ Carmel Vella kienux *second hand* jew godda.
Ra x-xhieda ta’ Tonio Mizzi, *surveyor* imqabbad minn Untours fejn jghid li ma kienx jaf li ghadda zmien konsiderevoli mill-incident sa meta ghamel is-*survey*. Jikkonferma li kellem biss lill-*panel beater* Martin ta’ St Paul’s Garage.

Mizzi jghid illi minhabba z-zmien u l-kundizzjoni tal-vettura ta’ Vella gieli juzaw *imitation parts* pero’ certu parts ma jinstabux imitazzjoni ghalhekk jaghmluhom godda. Jirrizulta li l-*imitation parts* u s-*second hand parts* in konnessjoni mal-vettura ta’ Vella huma kwazi l-istess prezz.

Jghid ukoll li fuq dokument esebit kien hemm indikazzjonijiet ta’ sadid fuq wara tal-vettura ta’ Carmel Vella kif ukoll minn xi ritratti esebiti jidher li mhux necessarju li kien hemm impatt qawwi hafna. Il-hsara fil-genb hija rizultat ta’ hsara fuq wara.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li d-daqqa kienet biss fil-ponta tal-*mudguard*. Vassallo jghid li ilu jahdem erbghin sena jissprejja l-karozzi u ghalhekk ipprova jirranga ma’ Carmel Vella sabiex jirrangahielu.

Jikkonferma li dakinhar ta’ l-incident l-assigurat tas-socjeta’ attrici kien ipparkjat hazin barra mil-*line* u meta mar biex jaqilghu, billi kien hemm xarabank fuq il-lemin tieghu, mexa lejn ix-xellug u qabdu mill-*bonnet* fuq il-ponta tieghu fuq wara u gibed il-*bonnet* tieghu stess.

Jghid illi meta Carmel Vella mar l-ghassa ma kellux assigurazzjoni u lanqas licenzja.

Il-konvenut jikkonferma li kisser ir-*right hand tail lamp* u seta’ wkoll ikkaguna xi hsara fil-*cabin corner*. Il-hsara tieghu kienet fil-*bonnet* sal-*windscreen*.

Ra x-xhieda ta’ Alfred Farrugia li ghamel *survey* fuq il-vettura ta’ Carmel Vella. Jikkonferma li l-karozza ta’ Vella diga’ kellha daqqa ohra fuq wara qabel il-habta in kwistjoni. Jikkonferma wkoll illi fil-vettura ta’ Vella kien hemm diga’ s-sadid fuq il-parti tal-lemin ta’ wara izda jista’ jkun li dan is-sadid sar bejn Ottubru u Novembru.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi jridu jippruvaw li b’rizultat tal-habta in kwistjoni huma sofrew danni ta’ sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm631.31c). Illi skond ir-rapport tal-pulizija l-karozza ta’ Vella kellha hsara fuq wara. Il-hsara giet deskritta bhala *extensive*. Kif qal is-*surveyor* Tonio Mizzi kien l-obbligu tas-socjeta’ attrici li tipprova tpoggi l-karozza f’kundizzjoni li kienet qabel l-incident.

Illi Alfred Farrugia, *surveyor*, qal li meta ra l-vettura ta' Vella wasal ghal konkluzjoni li l-hsara fil-vettura ma kienx rizultat tal-habta in kwistjoni biss. Fil-kontro-ezami Alfred Farrugia qal li jekk il-konvenut kiser ghal fuq il-karozza ta' Vella allura jistghu jaqblu d-daqqiet.

Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-konvenut qal li:

"Billi kien hemm xarabank fuq il-lemin tieghi mxejt lejn ix-xellug u qbadtu bil-bonnet fuq il-ponta tieghu."

Illi gew esebiti l-ircevuti u jirrizulta li l-verzjoni ta' l-atturi hija iktar kredibbli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm631.31c) bl-ispejjez u l-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (3 ta' Novembru, 2004).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------